"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165 ail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tas- seduta numru 13 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Hamis 10 ta ' Diċembru 2015 fis-5:45p.m.*

**Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.D) |
| | Herman Reuben Schiavone (HS) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Ambaxxatur Lokali taz-Zaghzagh: | Scott Camilleri (SC) |
| Skużati | --- |
| Membri tal-pubbliku: | 3 |

---

**Agenda għal-laqgħa:**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Offerti Pubblici.
10. Financial Statements sal-24 t'Awwissu
11. Ingagg ta Impjegat
12. Green Urban Areas Project
13. Traffiku u Parkeġġ.
14. Indafa u Ambjent
15. Gonna, Parks, u Soft Areas
16. Utilitajiet u Servizzi
17. Infrastruttura
18. Attivitajiet
19. Materji oħra
20. Aggornament tal-Laqgha

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk preżenti qalu t-talba**

**13/1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

13/1.1 Il-minuti tat-tnax (12)-il laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

13/1.1.1 B'referenza għall-minuta 12/5.2, Il-Kunsillier SZ, talab li jiżdied il-kliem "il-Kunsill qabel", fl-aħħar tal-minuta. Il-Kunsill qabel.

13/1.1.2 B'referenza għall-minuta 12/14.3, Il-Kunsillier SZ, talab li jiġi sostitwit il-kliem "Is-Sindku KB", bil-kliem "Il-Kunsillier SZ". Il-Kunsill qabel.

13/1.1.3 B'referenza għall-minuta 12/2.4.2, Il-Kunsilliera JBD, talbet li jizdied il-kliem "mhux tal-Kunsill" wara il-kliem "...li ser titella attivita' oħra", u li l-kliem "taħt il-patronċinju tal-ET President ta' Malta" jiġi sostitwit bil-kliem "bil-qliegħ kollu imur favur l-MCCF". Il-Kunsill qabel

13/1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet imressqa, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier KB, issekondata mill-Kunsilliera LG. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 12 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.,

**13/2** **Punti imqajjma mill-minuti**

13/2.1 Il-Kunsilliera JBD talbet li tiġi kjarifikata minuta 2.4, u xtaqet konferma jekk l-attivitajiet jinkludux anke dawk soċjali.

13/2.1.1 Il-Kunsill ikkonferma li din tinkludi ukoll l-attivitajiet soċjali.

13/2.1.2 Il-Kunsillier JBD irrimarkat li f'kull każ, attivitajiet jistaw jaħbtu fl-istess ġurnata, madankollu, dan ma jkunx jaħti għalih il-Kunsill. Da parti tagħha, irrimarkat li hija tippjana kalendarju t' attivitajiet li jkopri xhur, iżda mhux l-istess isir mill-għaqdiet.

13/2.2 IL-Kunsilliera LG għamlet referenza għall-minuta 12/3.8 li tirrigwardja l-attivita' tal-Karnival u talbet li jiġi determinat il-ħin tal-attivita'. Il-Kunsill qabel li din għandha tinżamm bejn is-1.30pm u il- 5.30pm.

13/2.3 L-Kunsilliera LG għamlet referenza għall-minuta 12/4.1, u staqset jekk kienx hemm żviluppi. Is-Sindku informa li l-*bus shelters* mhumiex responsabiltà tal-Kunsill, iżda ta' kumpanija privata, u huwa jinsagħab infurmat li bhalissa hemm kwistjoni fuq din il-materja, fejn hemm involut direttament il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura.

13/2.4 IL-Kunsilliera LG għamlet referenza għall-minuta 12/4.2 u infurmat li dak li kellu jagħmel ix-xogħol kien ma jiflaħx, però ix-xogħol għandu isir fil-futur qarib.

KB

13/2.5 IL-Kunsilliera LG għamlet referenza għall-minuta 12/5.1.2 u infurmat li l-infomrmazjoni intbagħatet u ġiet maqluba għall-lingwa ingliża.

13/2.6 Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 12/16.5, u issuġġerixxa li, la darba is-siġra l-mejta tneħħiet, għandha tinżara oħra minfloka. Il-Kunsill qabel li tinżara siġra tar-rand, kif ukoll qabel li l-oleander li hemm eżistenti jinbidel f'rand ukoll, sabiex b'hekk ikunu it-tnejn pariġġ. Il-Kunsill qabel li b'dawn it-tip ta' siġar ma jkunx qed itellef l-istutturi tal-logħob tan-nar tal-festa.

13/2.7 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12/2.3 u informa li saret it-talba relevanti lill-Transport Malta sabiex isiru it-tabelli ħdejn ir-roundabout ta' Bir id-Deheb, iżda il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta.

13/2.8 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12/2.4.5 u staqsa jekk il-kalendarju jistax jiġi on-line. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li ser jivverifika jekk jistax isir.

13/2.9 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12/2.5 u staqsa jekk il-Bord maħtur wasaltx f'xi konklużjonijiet. Is-Sindku informa li il-Bord iltaqa' u ġew evalwati il-każijiet kollha. Baqa biss li jagħmlu xi verifiki minuri u jippreżentaw ir-rapporti ta' kull kaz.

13/2.10 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12/3.3 u staqsa rigward il-fond allokat mill-Mepa u f'hiex jikkonsisti.

13/2.10.1 Is-Sindku KB informa li dan huwa fond *ad hoc* amministrat mill-Mepa u mill-Kunsill Lokali konġuntament għall-proġetti ambjentali.

13/2.10.2 Il-Kunsillier SZ staqsa jekk jinkludix affarijiet bħall-*double glazing* għar-residenti.

13/2.10.3 Is-Sindku wieġeb li m'għandux informazzjoni konkreta, u għadu prematur sabiex wieħed jagħti risposta fuq din.

13/2.11 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12/14.5.2. Huwa informa li kif maqbul, din kienet ser issir fil-kantuniera ta Triq l-Għodda, li tiġi kaxxa iktar il-fuq minn fejn talab l-applikant iżda kien hemm oġġezzjoni mill-applikant stess, . Għaldaqstant saret talba lil Transport Malta sabiex ningħataw direzzjoni. Il-Kunsill qed jistenna tweġiba fuq din, u sussegwentament issir il-kaxxa fejn relevanti.

13/2.12 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12/17.1. Huwa informa li minn dak inhar inqalaw xi ġebel mill-Gnien. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol mill-*inmates*

KB

13/2.13 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12/20.1, fejn informa li l-Kunsill applika għall-zewġ attivitajiet kif diskuss: Joys of Gospel fil-15/16 t'April, u Espressjonijiet Maltin. Dawn huma żewġ attivitajiet li jolqtu aspetti varji u differenti minn tas-soltu.

13/2.14 Is-Sindku KB għamel referanza għall-materja 12/14.3 u staqsa jekk hemmx pjanti relevanti. Il-Kunsillier SZ irrimarka li ser ikejjel fuq il-post u jgħatiħ il-lokazzjoni eżatta.

**13/3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

13/3.1 Permezz ta' ittra mingħand is-Sur Anthony Gafa, mhux datata, fejn talab lill-Kunsill dwar il-possibilta' li jiġi allokat *Hawkers Stand* f' parkeġġ fil-Bajja s-Sabieħa, fejn hemm is-servizz ta l-elettriku.

13/3.1.1 Ġie innutat li l-Kunsill m'għandux awtorita' jalloka dawn it-tip ta' spazji riservati, u għaldaqstant irid jintalab permess lil-Transport Malta. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talba lill-Transport Malta għad-direzzjoni.

13/3.2 Permezz ta' ittra, mibghuta mis-Sur Adrian Cutajar fejn talab li jsir asfaltar fi Sqaq ta Salvun.

13/3.2.1 Il-Kunsill irrimarka, li dan l-isqaq qatt ma ġie asfaltat.

13/3.2.2 Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan l-isqaq fih 3 bicciet.

13/3.2.3 Is-Sindku KB ippropona li isiru il-verifiki necessarji, jekk hux propjeta tal-Kunsill jew huwiex klassifikat bhal rikostruzzjoni, li f'dan il-kaz ix-xogħol jaqa' taħt ir-responsabilta ta' Transport Malta.

**NB: 18.45pm L-Ambaxxatur Lokali taz-Zaghzagh talab li jkun skuzat**

13/3.3 Permezz ta' e-mail ta' L-Ghaqda Storja u Kultura Birzebbuga,staqsiet rigward il-Monument li kien hemm fi Triq iz-Zebbug, u li tneħħa.

13/3.3.1 Il-Viċi Sindku JC irrimarka, illi l-ornament, u mhux monument, tneħħa waqt ezerċizzju ta' tindif, minħabba li kien iggarraf, u għalhekk ser issirlu il-manutenzjoni. Huwa irrimarka li l-partijiet l-iktar importanti ta' dan l-ornament, li kienu skultura ta' ħut fil-ġebel, qegħdin maħzuna fil-garaxx tal-Kunsill.

13/3.3.2 Il-Viċi Sindku JC qal li dan ser jerġa jitwaqqaf inkorporat f'disinn li ser jipproponi għall dik iz-zona, proġett sabiex issir zona għal-klieb.

13/3.3.3 Il-Kunsill ma qabilx li f'din iż-żona għandu isir il-proġett għall-klieb kif propost mill-Viċi Sindku, minħabba li hemmhekk joqgħodu ir-residenti, u li jista jkun ta' nkonvenjent għalihom.

KB

13/3.3.4 Il-Kunsill talab lil-Vici Sindku sabiex jieħu ħsieb li jerġa jinbena l-ornament.

13/3.4 Permezz ta' laqgħa mas-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Vince Macintyre talab li terġa tiġi diskussa minuta 03/03/06 ta' laqgħa numru 3 tas-7 Leġislatura. Huwa informa lis-Segretarju Ezekuttiv, li huwa ma setax jipprovdi l-permess tal-Mepa, minħabba li dan japplika għalih wara li jkollu in-*no objection* tal-Kunsill. Għaldaqstant ma setax jipprovdi id-dokumentazjoni kif mitluba mill-Kunsill.

13/3.4.1 Is-Sindku KB irrimarka li l-Kunsill irid jieħu deċizjoni jekk għandux jagħti no objection lill-privat sabiex jopera gabbana kummerċjali minn fuq art pubblika.

13/3.4.2 Il-Kunsillier HS irrimarka li huwa jaqbel ma dan l-iżvilupp, li jsaħħah il-komunita kummerċjali ta' Birzebbuga, u għaldaqstant ressaq mozzjoni favur il-ħrug ta' *no objection* mill-Kunsill lis-Sur McIntyre. Il-Vici Sindku JC issekonda il-mozzjoni

13/3.4.3 Il-Kunsillier SZ irrimarka li huwa jaqbel maż-żewġ pozizjonijiet meħuda, Huwa qal li jaqbel mal-prinċipju li jsaħħaħ il-kummerċ, filwaqt li jaqbel mas-Sindku dwar kif ghandha tintuża art pubblika, madankollu huwa irid ikisser il-perċezzoni illi li tagħti *no objection* fuq xi ħaga tfisser li l-Kunsill jgħatti *no objection* fuq kull talba simili. Huwa sempliċiment jaqbel ma din l-applikazzjoni, u każijiet oħra għadhom jiġu trattati individwalment skont il-każ.. Il-Kunsillier SZ irrimarka wkoll li ma jaqbilx mad-daqs u l-lokazzjoni proposta.

13/3.4.4 Il-Kunsilliera LG irrimarkat li hi taqbel mal-principju, izda mhux fuq il-post mitlub, u dan għaliex hemm min bena n-negozju tiegħu fuq medda ta' żmien f'dik iz-zona, u b'din il-gabbana, ser jaffetwa negattiv lin-negozji l-oħra.

13/3.4.5 Il-Kunsillier JB irrimarka li huwa m'ghandu xejn kontra investiment mill-privat, iżda dik iz-zona tintuża minn-nies għar-rikreazzjoni. Huwa zied jghid li tant hu hekk, li l-Kunsill preċedenti investa l-flus sabiex izid l-accessiblta għal dik iz-zona. Il-Kunsillier JB żied li lest jikkunsidra it-talba iżda mhux fiż-żona mitluba. Huwa semma eżempju fejn il-Monument ta Bush u Gorbacheov.

13/3.4.6 Il-Kunsillier SZ irrimarka, li anke jekk il-Kunsill ikun favur din l-applikazzjoni, xorta waħda għandu jirreġistra bħala *objectors* mal-MEPA, la darba tiġi ippubblikata l-applikazjoni, biex hekk il-Kunsill ikun infurmat bil-passi u bl-andament kollu.

13/3.4.7 Wara din id-diskussjoni kien hemm vot favor il-mozzjoni imressqa mill-Kunsillier HS, bir-rizultat ikun:

Favur: 3 (HS, JC, SZ)
Kontra : 4 (KB, JB, JBD, LG)
Astensjonijiet: 0

13/3.4.8 Għaldaqstant il-mozzjoni imressqa mill-Kunisllier HS m'għaddietx

KB

13/3.5 Permezz ta' laqgħa mas-Sur Charles Fenech, kuntrattur assenjat mal-latrini pubbliċi, fejn ġie diskuss l-estensjoni fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrini. Is-Sur Fenech informa li huwa jista jopera sal-4pm il-latrina pubblika tax-Xatt ta' San Gog, u sas-6pm dik ta Wied il-Buni.

13/3.5.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-Kunsill investa fil-cameras u għaldaqstant, m'hemmx bżonn servizz ta' attendant imma ta' ftuħ u għeluq.

13/3.5.2 Il-Kunsill qabel mal-ħinijiet li ppropona is-Sur Fenech, u qabel ukoll li għandu jidhol festi pubbliċi bħal Milied u L-Ewwel tas-Sena.

13/3.5.3 Il-Kunsill qabel ukoll li, hekk kif jitlob it-tender, għandu ikun hemm ħlas, liema ħlas irid jiġi maqbul bejn iż-żewġ partijiet.

13/3.5.4 Il-Kunsill qabel li jiffissa laqgħa mal-Kuntrattur Charles Fenech, sabiex jiddiskuti r-rata ta' ħlas.

13/3.6 Is-Sindku informa li riċentament, ġie innotat li daħlet applikazjoni il-Mepa,bin-numru 4578/15 li tirrigwardja l-pompa tal-petrol f'Misrah is-Summit.

**NB.**

**7.12 pm.** **F'dan wasal l-Onor. Stefan Buontempo kif skedat, u għaldaqstant il-laqgħa ġiet sospiża, sabiex ikun jista jingħaqad mal-mejda tal-Kunsill.**

**8.30 pm.** **Il-Kunsilliera LG tablet li skun skuzata minhabba ragunijiet ta sahha**

**8.45 pm.** **Il-Laqgha tal-Kunsill tkompliet.**

**8.45 pm.** **Il-Kunsill qabel unanimament li issir estensjoni ta' 30 minuta.**

13/3.6.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu jirreġistra l-kummenti tiegħu mal-Mepa, li, għalkemm m'għandux oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni, minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurta, Il-Kunsill iħoss li ikun iktar għaqli li kieku il-pompa tiġi rilokata f'sit alternattiv.

13/3.7 Permezz ta' e-mail datata 2 ta' Diċembru 2015 riċevuta mingħand Is-Sinjura Gilson Grima, mill-Health Promotion, fejn ressqet il-kuntratt relatat mal-partecipazzjoni tal-kunsill fl-"Aerobics National Programme". Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa f'dan il-programm, billi jipporvdi is-sala b'xejn, bħas-snin imgħoddija.

13/3.8 Permezz ta' e-mail mis-Sur Adrian Mifsud Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, datata 27 ta' Novembru 2015, fejn offra lill-Kunsilli Lokali l-opportunita' li jippartecipaw fi "Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence",programm iffinanzjat minn Norway Grants.

13/3.8.1 Wara Diskussjoni Libera, il-Kunsill qabel li għandu jippartecipa.

13/3.9 Permezz ta' ittra mis-Sur Noel Mallia, datata fit-30 ta' Novembru 2015, fejn talab permess sabiex iwaqqaf struttura tal-ħadid mhux fissa, ta' daqs 6 metri faċċata bi 3 metri wisa' b' 2.5 metri għoli sabiex ikun jista isakkar l-umbrellel u deckchairs matul il-ħin li ma jkunx qed jopera. Huwa ppropona li din l-istruttura tintrama fil-bidu tal-istaġun, u tiżżarma fi tmiem l-istaġun.

13/3.9.1 Wara diskusjoni libera il-Kunisll m'approvax l-istruttura kif proposta mis-Sur Gafa, iżda lest jikkunisdra struttura temporanja, simili ta dawk ezistenti diga.

13/3.10 Permezz ta' e-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, datata 9 ta' Diċembru 2015 fejn infurmaw li l-Kunsilli ta Malta ser jiġu mogħtija żewġ (2) Wifi Access Points oħra b'xejn fil-konfini tagħhom, u għaldaqstant kull kunsill kien mitlub sabiex jidentifika zewg postijiet

13/3.10.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu jiġi propost li isir Access Point gewwa Xatt San Gorg (viċin il-bajja / r-ristorant Al fresco), u ieħor fil-promenade ta' Triq il-Qajjenza.

13/3.11 Permezz ta' laqgħa mas-Sindku KB fejn sid l-istabbilment tal-ħanut il-ġdid fix-xatt ta San Gorg, The Convenience Shop, talab sabiex ikun jista jagħmel skip għall-użu esklussiv tiegħu, fejn ikun jista jarmi il-kartun, u b'hekk ma jħallix skart u zgombru fuq il-bankina.

13/3.11.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-tpoġġija ta' skip fuq ir-roti,u li din għandha titpoġġa fuq l-iskall.

13/3.12 Is-Sindku fakkar fit-talba li kien ressaq sid il-ħanut Bite Size, fejn kien talab sabiex issir estensjoni tal-bankina ta' quddiem il-ħanut tegħu sabiex b'hekk ikun jista joħrog imwejjed u siġġijiet, la darba jġib il-permessi kollha neċessarji. Huwa kien fakkar li l-Kunsill kien issuġġerixxi li jingħatawlu il-linji mill-kunsill sabiex l-estensjoni tkun tifforma parti mill-proġett proġettat mill-Kunsill għal-dik iz-zona. Is-Sindku ippropona, illi, la darba il-proġett tal-Kunsill ser isir fil-futur remot, sid il-ħanut għandu jilhaq jipproċedi. Il-Kunsill qabel.

**13/4 Mistoqsijiet lis-Sindku**

13/4.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi maqbuza u tiġi integrata fil-materji tal-agenda, minħabba restrizzjonijiet fil-ħin.

**13/5 Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati**

13/5.1 Ma Kienx Hemm materji / rapportu u Minuti tal-Kumitati u Sottokumitati.

**13/6 Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill**

13/6.1 Is-Sindku Kevin Barun ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-fatt li l-permess tal-Mepa tal-Freeport ħareġ. Huwa zied jghid li kundizzjoni minnom hija dik ta ħlas ta kwazi miljun ewro, li ser imur f'fond amministrat mill-Mepa u mill-Kunsill Lokali, għall-proġetti ambjentali

13/6.1.1 Il-Kunsillier HS qal li la darba dan ser jaffetwa proġetti għall-komunita', il-Kunsill għandu jinvolvi lir-residenti, bilii issir komunikazzjoni magħhom, fejn jintalbu jissuġġerixxu proġetti li jixtiequ li jsiru.

## 13/7 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

13/7.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni skeda ta' pagamenti bin-numru 12/15, liema skeda ġiet iċċirkolata minn qabel, u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

13/7.1.1 Il-Kunsillier SZ irrimakra li hemm nurmu ta Purchase requests mhux entrati. Huwa ġie infurmat li dawn ma jiġux maħruġa la darba il-Kunsill ikun diga approva ix-xiri, kif ukoll għal dawk il-ħlasijiet kuntrattwali u ordnijiet maħruga mis-Segretarju Eżekuttiv.

13/7.1.2 Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm xi numri ta Purchase Orders mhux entrati. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li dawn ġeneralment jirriflettu spejjeż kuntrattwali

13/7.1.3 Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm numru ta invoice numbers li huma l-istess. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li dan huwa kaz li jiġi esperjenzat f'numru ta ċirkostanzi, specjalment f'dawk il-Kuntratturi li jissottomettu *invoice* fuq template partikolari.

13/7.1.4 Il-Kunsillier SZ irrimarka fuq ix-xiri ta' servizz ta' qtugħ ta' palm, u liema xogħol ma sarx taħt it-tenders eżistenti. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan ix-xogħol kien mitlub u approvat waqt seduta tal-Kunsill, u liema xogħol ma kienx inkljuż f'ebda tender eżistenti, u għaldaqstant inġabu kwotazzjonijiet apparti.

13/7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Sindku KB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti imniżżlin fl-iskeda 12/15. Il-Kunsill approva nem con.

13/7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq diversi stimi tal-għamara tal-uffiċċju (cupboards), b'opzjonijiet differenti. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li mill-istimi miġjuba, irriżulta li kien irħas u iktar vijabbli għall-kunsill li jibdel il-cupboards eżistenti u li dawk ezistenti jintużaw f'ufficji / sezzjonijiet oħra, milli jipprova iżid ma li hemm. Il-Kunsill qabel.

## 13/8 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

13/8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

**13/9 Offerti Pubblici**

13/9.1 Is-Sindku fetaħ il-materja billi fakkar lill-membri preżenti li ġew ippubblikati numru t'offerti, hekk kif elenkati hawn taħt, u li s-sottomissjonijiet jagħlqu fit-8 ta Jannar 2016.

- BLC/T/04/2015 – Tender for the Services of a Handyman.
- BLC/T/05/2015 – Tender for the Professional Services of an Architect.
- BLC/T/06/2015 – Tender for the Cleaning and Clearing of Non Urban Roads and Pruning of Trees in an environmentally Friendly Manner.
- BLC/T/07/2015 - Street Sweeping and Cleaning in an environmentally friendly manner
- BLC/T/08/2015 - Tender of Gardens and soft Areas

13/9.2 Is-Sindku KB għamel referenza għar-rapport imħejji mill-Bord tal-Evalwazjoni tal-Offerti, fir-rigward tal-offerta ta' Ġbir ta Skart Goff.

13/9.2.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsillier HS ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier JB sabiex tintagħzel l-offerta tas-Sur Ronald Bezzina, li kienet l-irħas, u l-unika offerta konformi mar-rekwiziti kollha. Ittieħed vot bir-rizultat ikun kullhadd favur.

13/9.3 Is-Sinku KB ressaq fuq il-mejda abbozz ta dokument tal-offerta li jirrigwardja is-Servizz ta' Accountant. Huwa fakkar li numru ta xhur ilu kien hemm il-porposta li ix-xogħol jiġi ikkuntrattwat kollu.

13/9.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kien tal-opinjoni li dan m'għadux isir, minħabba l-possibilta li l-prezz jiżdied ferm, apparti, li jonqos il-kontroll u l-effiċjenza fuq it-transazzjonijiet. Huwa żied jgħid li bl-ingaħħ ta l-impjegat/a ġdid, iktar u iktar, ser ikun hemm iktar riżorsi biżżejjed biex ix-xogħol isir internament.

13/9.3.2 Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li jimxi mal-proposta tas-Segretarju Ezekuttiv u l-offerta toħroġ skond l-abbozz ippreparat.

**13/10 Financial Statements sal-24 t'Awwissu**

13/10.1 Is-Sindku fetah il-materja billi pprezenta l-Financial Statements sad-data imsemmija, u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jitkellem fuq il-Materja

13/10.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kif dikuss waqt l-aħħar laqgħa, id-dokument ġie diskuss bejn l-Accountant tal-Kunsill u il-Kumitat tal-Finanzi.

13/10.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill qed itejjeb il-qagħda finanzjarja tiegħu, fejn irnexxielu iżid id-dħul, filwaqt li jikkontrolla in-nefqa. Huwa żied jgħid li kien hemm miljorament ta' 0.9% fl-FSI.

KB

13/10.2 Għaldaqstant, is-Sinku Kevin Barun ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements sal 24 t'Awwissu 2015, issekondata mill-Kunsillier SZ. Il-Kunsill approva nem con.

**13/11 Ingaġġ ta' impjegat/a**

13/11.1 Is-Sindku KB informa li saru l-intervisti u ġew *shortlisted* l-aħjar tlett kandidati. Is-Sindku informa ukoll, li waħda mill-aħjar tlieta irtirat l-applikazjoni tagħha, u għaldaqstant, baqa 2 kandidati.

13/11.1.1 Il-Kunsill qabel li issir it-tieni inversta lil-kandidati li baqa, u sussegwentament, il-Kunsill jiddeċiedi.

**13/12 Green Urban Project**

13/12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda il-kuntratt propost fir-rigward tas-suggett. Huwa spjega l-iskop ta dan il-progett, u fakkar li sal-aħħar ta' Diċembru, il-Kunsill irid jipprovdi t-timeline u stimi relevanti. Huwa informali l-budget allokat għall-dan il-progett huwa dak ta €30,000.

**NB:**
**9.15pm** **Il-Kunsill qabel unanimament li, minħabba li laqgħa ġiet sospiża għall-ħin twil sabiex ikun jista jingħaqad mal-mejda l-Onor Stefan Buontempo, u l-aġenda ma ġietx eżawrita kif mextieq, il-laqgħa, bil-kumplament tal-agenda titkompla nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru fil-5.00pm**

**Minuti tat-tkomplija tal-laqgha numru 13, li saret it-Tnejn 14 ta' Diċembru. Il-Laqgha bdiet fil-5.30pm minhabba nuqqas ta' kworum.**

**13/13 Traffiku u parkeġġ**

13/13.1 Is-Sindku ressaq id-disinn propost ta' Dawret Qalb Imqaddsa, vicin il-Picc tal-Waterpolo. Huwa semma li d-disinn propost jikkreja madward 4 parkeġġi oħra.

13/13.1.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-ornament li hemm fis-sentral strip, ta' gremxula, jiġi goff għal din iz-zona, u għaldaqstant, il-Kunsill jista juza l-ornament ta ħut li inqalaw minn Triq iz-Zebbug, u jitpartu.

13/13.1.2 Il-Kunsill innota li l-istat tal-ornamenti mhuwiex wieħed idejali minħabba li sofra danni kawża tal-elementi naturalil

13/13.1.3 Il-Kunsill qabel li nelfrattempt, din id-dawra hija ftit perikola għas-sewqan, u allura hemm bzonn li jsir intervent. Il-Kunsill qabel li jsiru l-verifiki fl-andament tat-tabelli li twahhlu ricentament u li jahdmu bl-led,kif ukoll jikkunsidra twaħħil ta' tabelli ġodda ta' Accident Black Spot.

13/13.1.4 Il-Kunsill qabel li tinġieb stima tax-xogħolijiet involuti sabiex jikkunsidra għandux isir jew le

KB

13/13.2 Is-Sindku ressaq disinn propost għall-ħrug minn Triq Birzebbuga, minħabba li karozzi jibqaw hergin.

13/13.2.1 Kunsillier JB ma qabilx mad-disinn għx tikreja bankina, u din tista tkun kawza ta' inċidenti minnha infisha. Il-Kunsill innota l-eżempju ta' disinn simili sar f'lokalita oħra, (Fgura, dieħel lejn il-Foss ta Haz Zabbar). Ġie innutat li kien hemm ftit inkonvenjent għall-bidu sakemm indrat, iżda jidher li illum il-gurnata, id-disinn ħalla l-frott mextieq.

13/13.2.2 Il-Kunsill qabel li id-disinn propost jintbaghat għall-Transport Malta għall-konsiderazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li sakemm ikun hemm komunikazzjoni oħra, għandha issir *Stop Sign* minflok *Give Way*.

13/13.3 Il-Kunsilliera LG ressqet proposta sabiex issir mera fi Triq San Mikiel kantuniera ma Triq id-Duluri, li tkun tassisti s-sewwieqa min ħiereg minn Triq it-Tankijiet, u dan minħabba li hemm nuqqas ta vizibilta tat-triq.

13/13.3.1 Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li issir din il-mera kif proposta

13/13.4 Il-Kunsillier HS talab dwar il-possiblta li isir ftit patching fi Triq it-Torri minħabba li ftit ħofor saru perikoluzi għat-traffiku. Il-Kunsill qabel li jsir ftit manutenzjoni bil-cold asphalt mill-ħaddiema tal-Kunsill.

13/13.5 Is-Sindku KB tkellem rigward triq magħrufa bħala Ta' Kalafrana, u fejn informa li għanda bzonn manutenzjoni.

13/13.5.1 Il-Kunsillier JB qal li dik it-Triq mhijiex tal-Kunsill

13/13.5.2 Is-Sinku KB irrimarka li kemm Transport Malta Kif ukoll id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ikkonfermaw li dik it-triq taqa fir-responsabilta' tal-Kunsill u għalhekk huwa l-obbligu legali tal-Kunsill li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Huwa informa li jekk ikun hemm xi inċident, il-Kunsill huwa responsabbli għad-danni.

13/13.5.3 Il-Kunsillier JB irrimarka li madankollu, il-hsara li zviluppat f'dik it-Triq huwa rizultat ta xoġħol li sar mill-Kumpanija GO, u għaldaqstant għanda issir talba lilom sabiex jaghmlu re-instatement kif suppost.

13/13.5.4 Is-Sindku qabel u żied jgħid li f'dan il-kaz, il-manutenjoni li jibqa u li mijiex kawża ta nuqqas ta xogħol tajjeb mill-kumpanija imsemmija issir mill-Kunsill

13/13.5.5 Il-Kunsillier JB irrimarka li l-Kunsill għandu jirrifjuta li jieħu ħsiebha minħabba li dik hija Ten-T Road (Service Road tal-Freeport, u tal-Oil Tanking.)

13/13.5.6 Is-Sindku fakkar li hemm ukoll l-aċċess ta Wied ix-Xoqqa.

KB

13/13.5.7 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li, slont id-dokumentazzjoni eżistenti, it-Triq imsemmija hija responsabilta' tal-Kunsill.

**13/14 Indafa u Ambjent**

13/14.1 Il-Kunsillier HS tkellem rigward l-abbuz li qed ikun hemm fir-rimi ta skart madwar Skips tal-Bring In Sites.

13/14.1.1 Il-Kunsill qabel li għandu jitħaffef il-proċess sabiex toħrog l-offerta ta CCTV.

13/14.2 Il-Kunsilliera LG irrimarkat li fi Triq Għar Dalam, ezatt taħt il-Mappa tal-Lokalita qed ikun hemm ħafna skart imgeddes biex jiġi miġbur u li ma jagħtix dehra tajba. Il-Kunsill qabel li għanda issir tabella, sabiex ma jsirx rimi ta' skart f'dik iz-zona.

13/14.3 Il-Kunsilliera LG irrimarkat li n-negozji tal-Bajja s-Sabieħa mhux qed ikollom servizz ta ġbir ta skart minħabba li l-kollettur jibda l-ġabra qabel jifthu huma.

13/14.3.1 Is-Sindku informa li fil-kaz ta entitajiet kummerċjali, hija responsabilta tagħhom li jiddisponu mill-iskart iġġenerat, u mhuwiex reponsabilta tal-Kunsill. Għaldaqstant għadhom jagħmlu arranġamenti huma.

13/14.4 Il-Viċi Sindku irrimarka li huma jistax jaħdem fi-responsabiltajiet tiegħu jekk ma jkollux il-ħaddiema manwali taħt il-kontroll tiegħu.

13/14.4.1 Is-Sindku irrimarka li ix-xogħol jista jibqa jsir, iżda il-ħaddiema huma responsabilta' tas-Segretarju Ezekuttiv. Huwa żied jgħid li ix-xogħol kollu għandu jibqa isir, madankolou irid ikun diskuss u kkordinat mas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku żied jgħid li effettivament, is-Segretaru Eżekuttiv xorta ħa jiddiskuti il-pjan miegħu.

13/14.5 Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li hemm bzonn ta' tindif fi Triq Burlemach.

**13/15 Gonna Parks u Soft Areas**

13/15.1 Il-Kunsillier SZ talab dwar il-possiblta li l-Parti tal-Bajja s-Sabieha fejn hemm ir-Rings tal-Basketball, tinxtegħel. Il-Kunsill qabel li tinġagħab stima u tiġi diskussa.

13/15.2 Il-Kunsillier SZ talab dwar il-possiblta li tiddawwal iż-żona tal-Kappella u tar-ridott fix-xatt ta San Gorg. Il-Kunsill qabel li tinġagħab stima u tiġi diskussa.

**NB: 6.30 pm: Il-Kunsilliera LG tablet li tkun skużata ~~minħabba raġunijiet ta saħħa~~.**

**13/16 Utilitajiet u Servizzi**

KB

13/16.1 Il-Kunsillier JB staqsa jekk il-Kunsill iġallasx ghad-dawl ta l-*street lighting.*

13/16.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan jithallas mill-Gvern Centrali.

13/16.1.2 Is-Sindku KB żied li id-dawl ta mal-Promenade, kien jitħallas mill-MRRA, iżda ~~ricentament~~ huma ~~irrifjutaw li jkomplu~~ mhux iħallsuh.

13/16.1.3 Il-Kunsillier SZ żied li l-Kunsill iħallas biss għall-konsum tad-dawl fil-ġnien f'Tal Papa. Huwa żied jgħid li dan huwa frott ta' policies li inħolqu fi żminijiet differenti.

13/16.1.4 Il-Kunsillier SZ qal li ,li l-kont tal-MRRA tad-dwal tal-promenad huwa indirizzat MRA, Care/Off, Birzebbuga Local Council, u f'dan ir-rigward, mhuwiex ghaqli għall-Kunsill li jiċċaqlaq minn din il-pożizzjoni preżentament,għax inkella il-kontijiet jibdew jiġu indirizzati fuq il-Kunsill.

13/16.2 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għad-dawl bejn ex-impjant tal-gas u it-Torri ta San Luċjan, liema dawl għadu ma jaħdimx. Huwa informa li saru diversi rapporti, u kien hemm nuqqas ta' risposti, madankollu, fl-aħħar il-Kunsill ġie infurmat li kienet saret ħsara f'*cable* taħt l-art mill-kuntratturi ta Transport Malta, li kellom jirrangawħ qabel jingħata it-tarmac. Din it-tiswija, sfortunatament ma saritx u leħaq ingħata l-asfalt. Il-Kunsill issa ġie infurmat li ser isiru *cables* ġodda u li ser jgħaddu mill-bankina, biex b'hekk ma terġax titqatta it-triq.

## 13/17 Infrastruttura

13/17.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Viċi Sindku JC ħa ħsieb li tiġi tranġata il-bankina fi Triq it-Tankijiet, kantuniera ma Triq Zarenu Dalli, fejn saret il-bankina kif suppost tkun quddiem bieb ta' dar residenzjali. Huwa informa li din ġiet tiswa €260. Il-Kunsill approva li l-ħlas jgħaddi fl-iskeda ta' pagamenti li jmiss.

13/17.2 Is-Sindku KB informa lill-Kunsill li l-Viċi Sindku JC ħa ħsieb it-tindif ta' Tirq iż-Żebbuġ, fejn intuzat *skip*. L-ispiza tax-xogħol hija ta €72. Il-Kunsill approva li ħlas jgħaddi fl-iskeda ta' pagamenti li jmiss.

13/17.3 Is-Sindku KB informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku JC ħa ħsieb li beda ix-xogħol relatat maz-zebra crossing approvata fi Triq San Gorg, fejn ġiet trangata is-central strip. L-ispiza tax-xogħol hija ta €530. Il-Kunsill approva li l-ħlas jgħaddi fl-iskeda ta pagamenti li jmiss.

13/17.3.1 Il-Kunsillier SZ żied li l-għada ser jiltaqa mal-Perit sabiex tiġi iffinalizzata din iz-zebra crossing, flimkien ma' proġetti żgħar oħrajn.

13/17.3.2 Il-Kunsillier HS fakkar li hemm pendenti ukoll dik ta' Triq San Gwann.

13/17.3.3 Il-Kunsillier JB semma ukoll dik proġettata fi St Rita kantuniera ma Triq Sant Anglu.

13/17.3.4 Is-Sindku KB fakkar li l-Kunsilliera għadhom jinfurmaw bl-affarijiet pendenti li kienu approvati qabel l-ingaġġ tas-Segrearju Ezekuttiv

prezenti, lill-istess Segretarju Ezekuttiv, sabiex isir stock take ta' materji pendenti.

13/17.3.5 Is-Sindku żied jgħid li numru ta' affarijiet ser jiġu konkluzi hekk kif jiġi ezawrit il-process tal-Offerti l-ġodda relatati ma' toroq u bankini.

13/17.4 Il-Kunsill iddiskuta ukoll xogħlijiet li hemm bzonn isiru f'Misrah il-Pajtier, fejn hemm bankini li jispiċċaw ħesrem f'nofs ta' triq. Il-Kunsill qabel li hemm bzonn isir xi modifika fid-disinn tal-misrah biex tissolva din l-anomalija.

**13/18 Attivitajiet**

13/18.1 Is-Sindku KB fakkar fl-attivita tal-Kunsill li ser tinzamm fl-20 ta' Dicembru, Joys of Gospel.

13/18.1.1 Il-Kunsillier JB informa li s'issa għadu ma sarx kuntatt mad-Dar tal-Anzjani, u li qeghdin inkluzi fil-programm.

13/18.1.2 Il-Kunsillier SZ offra li jiehu hsieb jagħmel il-kuntatt huwa.

13/18.1.3 Il-Kunsillier JB, b'żieda mas-suġġett tal-anzjani u d-Day Centre, ma kienx kuntent bil-mod ta kif qed taħdem l-amministarzzjni ta dan iċ-ċentru, u għalhekk issuġġerixxa li issir laqgħa bejn il-partijiet konċernati.

13/18.1.4 Il-Kunsillier SZ talab jekk kienx hemm xi komunikazzjoni mill-Supretendent rigward l-attivita. Is-Segretarju Informa li l-file infetah iżda ma kienx hemm komunikazzjonijiet oħra.

13/18.2 Is-Sindku fakkar ukoll fl-attivita' tal-Karnival ppjanata għall-31 ta Jannar 2016. Huwa informa li iktar dettalji fuq il-programm jingħataw iktar il-quddiem.

**13/19 Materji Oħra**

13/19.1 Is-Sindku KB tkellem fuq il-byelaws, dawk li diġà ippropona il-Kunisll kif ukoll oħrajn ġodda.

13/19.1.1 Huwa semma eżempju bye-law fuq caravans u tined li jiġu armati fis-sajf fil-parkeġġ ta Wied il-Buni. Huwa tkellem ukoll rigward amenda fil-bye-law eżistenti tal-Bar-B-Ques fil-lokalita, u semma l-introduzzjoni ta ħlas għall dawn l-attivitajiet. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex iressqu il-proposti tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

13/19.1.2 Is-Sinku qal li fir-rigward tal-bye-laws li kienu proposti, dawn għadhom qed jiġu diskussi mid-dipartiment tal-Gvern Lokali.

13/19.2 Is-Sindku KB irrefera għall-proġett tal-piċċ tal-waterpolo, u informa lill-Kunsill li l-Kumitat staqsa dwar il-possibilta li tintuża il-kaxxa tal-offerti tal-Kunsill Lokali

sabiex jiġu riċevuti l-offerti tal-*catering* tal-Kumitat tal-Waterpolo. Dan minħabba li preżentatment huma m'għandhomx ufficini minn fejn joperaw. Huwa informa li dawn l-offerti ser jiġu ippubblikati fis-6 ta Jannar u d-data tal-għeluq ser tkun 4 ta' Frar 2016. L-Istess Kumitat, għall-istess raġuni, talab l-assistenza tal-Kunsill sabiex ikun jista ibiegħ għan-nom tagħhom id-dokument tal-offerta. Il-Kumitat offra li jgħati 10% tad-dħul mill-offerti bħala kontribuzzjoni lill-Kunsill.

13/19.2.1 Is-Sindku KB irrimarka li għakemm huwa jaqbel li l-Kunsill joffri l-għajnuna tiegħu kif mitlub, l-istess Kunsill m'għandux jaċetta il-ħlas ta 10% offrut lill-istess Kunsill mill-Kumitat.

13/19.2.2 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jipprovdi il-faċilitajiet / servizzi, iżda m'għandux jaccetta il-ħlas ta 10% kif offrut mill-Kumitata. Il-Kunsill qabel ukoll li jimponi dawn il-kundizzjonijiet

- li ghandha issir koordinazzjoni fuq l-uzu tal-kaxxi tal-offerti
- Dokumenti relevant ghadhom jigu provduti mill-Ghaqda
- li l-flus migbura mill-bejgh tal-offerti ghandhom jigu migbura mill-ghaqda fuq bazi ta kulljum.

13/19.3 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgha li saret dak inhar stess mal-Kuntrattur assenjat mal-latrini pubblici. Il-Kunsill innotat li l-Kuntrattur kien lest li jestendi il-ħinjiet għas-somma ta €20 + VAT kulljum.

13/19.3.1 Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jestendi is-servizz għar-rata diskussa, b'mod temporanju, u sakemm tibda l-iskeda iffissata diga tas-sajf.

**13/20 Aggornament tal-Laqgħa**

13/20.1 Il-Kunsill aġġorna għal-Gimga 15 ta' Jannar fil-17.30 pm

**Il-Laqgħa intemmet fit-7.30 pm**

Kevin Barun
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Ezekuttiv

15/1/16
Data